sehem id-*Dominoes* u l-"*Malta Union of Teachers*". Wara, milli jidher, dak l-Innu dejjem baqa' jinstama' mit-tfal ta' l-Iskejjel tal-Gvern fil-Festa b'tifkira tar-Rebħa ta' l-1565 wara t-taħdita li ssir għal dik l-okkażjoni fejn il-Monument ta-8 ta' Settembru.

Fuq talba ta' l-awtur tal-versi, is-Surmast V. Ciappara kien strumentah għall-banda "King's Own", u fis-sena 1936 kien indaqq mill-istess banda fil-Festa Nazzjonali tat-8 ta' Settembru. Wara daqqitu l-Banda San Mikiel ta' Ħaż-Żabbar, fil-Festa tal-Madonna tal-Grazzja. Wara daqqitu wkoll il-Banda tal-"K.O.M.R.", xi baned militari oħra, sakemm ftit ftit dan l-Innu bdew isemmgħuh baned oħra tal-Belt u rħula u ħa xejra popolari mal-Gżira kollha.

L-Innu Malti ittraduċietu bl-Ingliż Miss May Butcher u deher mat-test oriġinali Malti stampat fit-*Times of Malta*. L-Innu deher ukoll f'edizzjoni sabiħa maħruġa f'Lixandra ta' l-Eġittu mill-"Għaqda Maltija għat-Tixrid tal-Malti".

Xi snin ilu l-Gvern iddikjarah uffiċjalment bħala Innu Nazzjonali u b'hekk qed jindaqq f'kull programm pubbliku mużikali flimkien ma' l-Innu Ingliż "God Save the Queen".

---

## KRONAKA TAL-GĦAQDA

**Nifirħu bil-qalb kollha lill-ħabib tagħna, il-Membru Akkademiku, il-Kavalier Ivo Muscat Azzopardi P.L., li wara armajn ħamsin sena ħidma għal Malta, għall-Maltin u għal-Lsien Malti, f'Malta u l-Eġittu, ix-xogħol tiegħu ġie magħruf mill-Granmastru ta' l-Ordni ta' San Ġwann ta' Ġerusalemm — Sedi Amerikana — u li għoġbu jiddekorah bis-Salib ta' Ġieħ u Mertu.**

**Nifirħu wkoll minn qalbna lill-ħabib tagħna, il-Membru Akkademiku, Kav. Albert M. Cassola li ġie iddekorat mill-Granmastru ta' l-Ordni ta' San Ġwann ta' Ġerusalemm — Sedi Amerikana — bil-grad u titlu ta' Kavalier ta' Grazzja ta' l-Ordni Sovran ta' San Ġwann ta' Ġerusalemm.**

**Barra minn dan, il-Kav. Albert M. Cassola huwa delegat f'Malta ta' "Gli Amici Sacri Lari" u "Accademico di Merito dell'Accademia de' 500, Roma".**



## KEWKBA ŻAHRIJA

(Miktuba f'Album tas-SUR E. TONNA, M.B.E.)

Sabiħ kien ismek f'Ruma
O kewkba ta' fl-għaxija,
Li tidher tbajjad kmieni
Ta' nżul ix-xemx fid-dija.

Vesper! iżda niġġsitek
Venus bil-ħajr tal-ġisem;
U fl-ilsna wlied ta' Ruma
Baqa' mtabba' dak l-isem.

Iżda fi Lsien il-Malti
Lbist tal-warda d-dija,
U baqa' jfuħ u safi
Ismek, kewkba żahrija.

DUN KARM

## LIL ART TWELIDI

*Ta'* DUN FRANS CAMILLERI

Bajda bħal ġilju f'nofs ta' baħar sbejjaħ
Taħt sema ikħal, maħluq biss għalik,
Int ġawhra tal-ħolqien, ġnien kollu fwejjaħ
Li ħalqek Alla biex jitgħaxxaq bik.

"Warda tad-dinja" minn żmien twil tissejjaħ
Għall-ħlewwa, għas-sbuħija li tagħnik.
Is-sabiħ wiċċek qatt iż-żmien ma jxejjaħ
Biex jibqgħu l-artijiet igħiru għalik.

Le, mhux id-deheb u l-fidda l-għana tiegħek:
Ġidek is-sema u l-art, ix-xemx u l-baħar,
Twemminek u l-imħabba ta' l-ulied.

O Malta sbejħa u kbira fil-ġrajjiet,
B'kobrok u ġmielek la tistħix tiftaħar,
'Ma tinsa qatt kemm Alla waqaf miegħek!